A.L. 95 ta' l-1989

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI

(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Arti (B.A.)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak l-Att:—

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Arti (B.A.), u għandhom japplikaw biss għall-korsijiet li bdew fi jew wara Ottubru, 1987.

1. **Eliġibilità għall-Grad tal-B.A.**

1.1 Biex ikun jista' jingħata l-Grad ta' Baċillier ta' l-Arti (B.A.) kandidat irid:

(i) ikun irreġistra għal kors ta' studji kif hawn imniżżel f'dawn ir-Regolamenti u temmu b'suċċess;

(ii) ikun għadda mill-Eżami ta' l-Aħħar għall-B.A.;

(iii) ikun issodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha mniżżla f'dawn ir-Regolamenti u fi Statuti u Regolamenti relevanti oħra ta' l-Università.

2. **Ir-Reġistrazzjoni u Rekwiżiti Speċjali għall-Kors**

2.1 Kandidat jista' jkun irreġistrat għal kors ta' studji li jwasslu għall-B.A. jekk:

(i) hu jista' jidħol l-Università bħala student regulari skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università; u

(ii) fil-każ li jagħżel il-Malti, l-Ingliż, il-Franċiż, jew it-Taljan bħala qasam ewlieni jew sekondarju ta' studju, ikun kiseb għallinqas il-Grad Ċ fil-Livell Avanzat fis-suġġett magħżul; (fil-każ tal-Malti u tat-Taljan, l-istudenti jridu jiksbu dan il-Grad fil-Livell Avanzat ta' l-Eżami tal-Matrikola ta' l-Università ta' Malta).

2.2 Minkejja l-provvedimenti tar-Regolament 2.1, gradwati universitarji, studenti li għalqu t-23 sena jew kandidati oħrajn li l-kwalifiki tagħhom jitqiesu bħala suffiċjenti mill-Bord tal-Fakultà, jistgħu jkunu eżentati mir-rekwiżiti għad-dħul fil-kors.

3. **It-Tul tal-Kors**

3.1 Il-kors ta' studji li jwassal għall-Grad ta' B.A. normalment jinfirex fuq tliet snin.

3.2 Student ma jistax joqgħod għall-Eżamijiet ta' l-Aħħar qabel tliet snin jew wara erba' snin minn meta jkun daħal għall-kors għall-ewwel darba, ħlief bil-permess tas-Senat mogħti f'ċirkustanzi speċjali.

3.3 Il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli student jieħu sentejn biex ikopri dik il-parti tal-kors li normalment issir matul l-ewwel sena, bil-kundizzjonijiet li l-Bord tal-Fakultà jiddetermina f'kull każ, jekk għal raġuni tajba u suffiċjenti ma jkunx jista' jsegwi l-ewwel sena tal-kors fuq bażi *full-time*.

4. **Il-Kors ta' l-Istudji**

4.1 Kors ta' l-istudji għall-B.A. hu magħmul minn unitajiet ta' studju li ma jingħatawlhomx inqas minn 64 kredtu.

4.2 Biex itemm kors ta' l-istudji student irid jikseb:

(i) 16-il kredtu fl-Istorja taċ-Ċiviltà Mediterranja;

(ii) 20 kredtu f'qasam ewlieni ta' studju;

(iii) *jew* 20 kredtu f'qasam ewlieni ieħor ta' studju, *jew* 10 kredti f'kull wieħed minn żewġ oqsma sekondarji ta' studju;

(iv) għallinqas 8 kredti oħra mill-oqsma ta' studju approvati (fosthom l-oqsma ta' studju magħżula diġà').

4.3 Dawn huwa l-oqsma ta' studju approvati:

(a) dawk li jistgħu jittieħdu bħala oqsma ta' studju ewliena jew sekondarji:— l-Għarbi, l-Arkeoloġija, l-Arti, il-Kultura u ċ-Ċiviltà Klassika, l-Istudji tal-Komunikazzjoni, l-Istudji Mediterranji Kontemporanji, l-Ekonomija, l-Ingliż, il-Franċiż, il-Grieg, l-Istorja, it-Taljan, il-Latin, il-Lingwistika, il-Malti, il-Matematika, l-Istudji tal-Mużika, il-Filosofija, il-Psikoloġija, l-Istudji Soċjali, l-Istudji tat-Teatru;

(b) dawk li jistgħu jittieħdu biss bħala oqsma sekondarji ta' studju:— l-Istudji Amerikani, ir-Relazzjonijiet Internazzjonali.

4.31 Bl-approvazzjoni tas-Senat, il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli student jieħu qasam ieħor ta' studju minbarra dawk li huma mniżżla fir-Regolament 4.3, mhux bilfors minn ħdan il-Fakultà ta' l-Arti, bħala qasam ewlieni jew sekondarju ta' studju.

4.32 Il-Bord tal-Fakultà jista' jillimita l-korsijiet magħżula jew il-kumbinazzjonijiet ta' korsijiet ta' l-oqsma ta' l-istudju li jistgħu jsiru u li jistgħu jingħażlu bħala oqsma ewlenin jew sekondarji ta' studju.

4.33 Il-Bord tal-Fakultà jista' jindika kumbinazzjoni ta' oqsma speċifiċi ta' studju biex jistabilixxi għażla identifikabbli għal kors ta' studji.

4.34 Meta jirreġistra għal kors ta' studji li jwasslu għall-B.A. student hu mistenni li jirreġistra għal żewġ oqsma ewlenin ta' studju jew għal wieħed ewlieni u tnejn sekondarji.

4.35 Mingħajr preġudiżżju għar-Regolament 4.34, il-Bord tal-Fakultà jista' jħalli student ibiddel qasam ewlieni wieħed jew żewġ oqsma sekondarji ta' studju matul l-ewwel sentejn tal-kors tiegħu, bil-kundizzjoni li din il-bidla taqbel mar-Regolamenti.

5. Katalgu ta' Unitajiet ta' Studju

5.1 Qabel ma tibda kull sena akkadmemika, il-Bord tal-Fakultà jippublika, bl-approvazzjoni tas-Senat, katalgu ta' l-unitajiet ta' studju għal kull qasam ta' studju u tal-kredti assenjati lil kull unita' ta' studju.

5.2 Il-katalgu jagħti d-dettalji ta' l-unitajiet ta' studju f'kull qasam ta' studju msemmija speċifikament fir-Regolament 4.3 u f'kull qasam ta' studju ieħor approvat mis-Senat minn żmien għal ieħor.

5.3 Unita' ta' studju tista' tinkludi, jew tkun magħmula kollha minn, xogħol prattiku, magħmul taħt direzzjoni, f'dawk l-oqsma ta' studju fejn ikun xieraq. Student li jagħżel unita' bħal din jista' jkun mistenni li jissottometti rapport bil-miktub dwar ix-xogħol prattiku li jkun sar.

5.4 Il-katalgu jindika wkoll il-metodu tal-valutazzjoni għal kull unita' ta' studju, liema unitajiet ta' studju għandhom jittieħdu flimkien u liema unitajiet ta' studju huma rekwiżiti jew irrikmandati.

6. Progress

6.1 L-unitajiet ta' studju huma mfasslin b'mod li kors ta' studji jista' jsir fi tliet snin.

6.2 F'kull sena tal-kors student hu mistenni jirreġistra għal għadd ta' unitajiet ta' studju li għalihom jingħata total ta' mhux inqas minn 16 u mhux aktar minn 25 kredtu.

6.3 Il-kredti jingħataw skond dawn il-gradi, li jibdew mill-ogħla wieħed: A, B, C, D u F, fejn F tfisser Weħel.

6.31 Student li jonqos milli jikseb kredtu għal unita' ta' studju normalment jitħalla jagħmel riparatorju darba u, jekk ikun meħtieġ, jerġa' jsegwi l-unita' ta' studju, u f'dan il-każ il-valutazzjoni tiegħu tkun jew D jew Weħel *(Fail)*.

6.4 L-għażla ta' unitajiet ta' studju teħtieġ l-approvazzjoni tal-Bord tal-Fakultà fejn unita' ta' studju hi mqiegħda f'ordni.

6.5 Unitajiet ta' studju jkunu offruti f'livelli differenti. Unitajiet fundamentali jingħataw fil-Livell 1, waqt li unitajiet aktar avanzati jingħataw fil-Livelli 2 u 3.

6.51 Student irid jikseb minimum ta' 12-il kredtu fil-Livelli 2 jew 3 f'kull qasam ewlieni ta' studju magħżul, u minimum ta' 6 kredti f'kull qasam sekondarju ta' studju magħżul.

6.6 Student li jikseb inqas minn 14-il kredtu f'kull waħda minn sentejn tal-kors ma jitħalliex ikompli l-kors jew joqgħod għall-Eżamijiet ta' l-Aħħar, ħlief f'ċirkustanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat.

6.7 Student ma jistax jieħu unita' ta' studju li hu m'għandux ir-rekwiżiti għalih, jew mingħajr ma jieħu l-unitajiet ta' studju proposti fl-istess żmien, ħlief bil-permess tal-Bord tal-Fakultà.

7. L-Eżamijiet ta' l-Aħħar

7.1 L-Eżamijiet ta' l-Aħħar isiru darba fis-sena, normalment f'Mejju-Ġunju, u jkunu magħmulin minn erba' karti f'kull qasam ewlieni ta' studju u żewġ karti f'kull qasam sekondarju ta' studju. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce.*

7.2 Meta jtemm kors ta' studji, l-istudent jrid jagħmel l-Eżamijiet ta' l-Aħħar fl-oqsma ewliena u sekondarji li jkun ħa.

7.3 Għall-għan tar-Regolament 7.2, il-kredti jingħataw provviżorjament lil student għal dawk l-unitajiet ta' studju li jintemmu proprju qabel l-Eżamijiet ta' l-Aħħar li jkun qieħed jagħmel, bil-kundizzjoni li l-istudent ikun laħaq livell sodisfaċenti fl-unita' ta' studju.

8. Ir-Riżultati Finali

8.1 Ir-Riżultati Finali ta' kandidat iqisu l-livell tal-kandidat fl-Eżamijiet ta' l-Aħħar kif ukoll il-kredti u l-gradi miksuba matul il-kors ta' l-istudji tiegħu.

8.2 L-istudent ma jikkwalifikax għall-grad jekk ma jgħaddix mill-Eżamijiet ta' l-Aħħar f'sessjoni waħda.

8.3 L-Eżamijiet ta' l-Aħħar għandhom importanza ta' ħamsin fil-mija għar-riżultat finali. L-importanza ta' l-unitajiet varji ta' studju tiddependi mill-għadd tal-kredti assenjati u mil-Livell ta' kull unita' ta' studju. Jekk student jikseb aktar minn 64 kredtu, jitqiesu l-aħjar 64 kredtu li jissodisfaw ir-Regolament 4.2.

8.4 Fir-Riżultati Finali l-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-grad ta' B.A. jixxandru f'ordni alfabetiku bil-kategoriji I, IIA, IIB, III u Għadda (*Pass*).

9. Ir-Riparatorju

9.1 Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti 3.2 u 8.2, student li jieħel fl-Eżamijiet ta' l-Aħħar jista' jitħalla mill-Bord tal-Fakultà jerġa' jagħmel l-Eżamijiet Finali kollha darba bil-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jiddetermina f'kull każ. Jekk igħaddi, dan l-istudent jitqiegħed fil-kategorija ta' Għadda (*Pass*) fir-Riżultati Finali.

10. Regolamenti speċjali għall-Korsijiet ta' filgħaxija 'Part-time' li jwasslu għall-Grad ta' Baċillier ta' l-Arti

10.1 Mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti 3.1, 3.2, 3.3 hawn fuq, kandidat jista' jidħol fil-kors ta' Filgħaxija tal-B.A. anki bħala student regulari fuq il-bażi *part-time*.

Il-Kors ta' l-Istudji

10.2 Il-provvedimenti ta' dawn ir-Regolamenti japplikaw, ħlief li kandidati bi grad universitarju jew Ċertifikat jew Diploma fit-Taħriġ ta' Għalliem ta' istutuzzjoni rikonoxxuta jistgħu jkunu eżentati mill-Bord tal-Fakultà, bir-rakkomandazzjoni tal-Bord tad-Dħul, mis-sittax-il kredtu ta' l-Istorja taċ-Ċiviltà Mediteranja jew minn uħud minnhom. Il-limitazzjonijiet speċifikati fil-provvediment fir-Regolament 4.32, madankollu, igħoddu.

It-Tul

10.3 Kandidat reġistrat għall-kors ta' Filgħaxija tal-B.A. normalment ikun mistenni jtemm il-kors ta' l-istudji f'ħames snin.

10.31 Kandidat reġistrat għall-kors ta' Filgħaxija tal-B.A. ma jistax itemm il-kors f'inqas minn tmien semestri jew f'aktar minn sitt snin akkademiċi minn meta jkun daħal fil-kors għall-ewwel darba, ħlief f'ċirkustanzi speċjali u bil-permess tas-Senat u bil-kundizzjonijiet li s-Senat jista' jiddertermina f'kull każ.

Katalgu ta' Unitajiet ta' Studju

10.4 Il-Bord tal-Fakultà, qabel ma tibda kull sena akkademika u bl-approvazzjoni tas-Senat, jippubblika katalgu ta' unitajiet ta' studju għal kull qasam ta' studju, u tal-kredti assenjati lil kull unita' ta' studju għall-kors ta' Filgħaxija.

10.41 L-unitajiet ta' studju għall-kors ta' Filgħaxija jkunu bħal dawk tal-Kors ta' Filgħodu u huma mqassma b'mod li kors ta' studji jista' jsir f'ħames snin.

Progress

10.5 F'kull sena tal-kors student ta' Filgħaxija hu mistenni li jirreġistra għal għadd ta' unitajiet ta' studju li għalihom jingħataw mhux inqas minn 8 kredti u mhux aktar minn 16-il kredtu.

10.51 Student fil-kors ta' Filgħaxija li jikseb inqas minn 6 kredti f'sena waħda tal-kors ma jitħalliex ikompli l-kors jew jagħmel l-Eżamijiet ta' l-Aħħar, ħlief f'ċirkustanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat.

L-Eżamijiet ta' l-Aħħar

10.6 L-Eżamijiet ta' l-Aħħar għall-kors tal-B.A. ta' Filgħaxija jkunu l-istess bħall-Eżamijiet ta' l-Aħħar tal-kors ta' Filgħodu.

10.61 L-Eżamijiet ta' l-Aħħar isiru darba f'sena, u jkunu magħmulin minn erba' karti f'kull qasam ewlieni ta' studju u minn żewġ karti f'kull qasam sekondarju ta' studju. Jista' jsir ukoll eżami *viva voce*.

10.7 Mingħajr preġudizzju għar-Regolament 8.2, student ta' Filgħaxija ma jkunx obbligat li jagħmel l-Eżamijiet ta' l-Aħħar fl-istess sessjoni. Jista' jagħmel l-Eżami ta' l-Aħħar f'qasam ewlieni ta' studju, jew f'wieħed jew fiż-żewġ oqsma sekondarji ta' studju, fl-ewwel sessjoni wara li jkun kiseb l-għadd minimu ta' kredti meħtieġ f'dak il-qasam jew f'dawk l-oqsma ta'

studju. Madankollu, qabel ma jitħalla jagħmel l-aħħar Eżami/jiet ta' l-Aħħar, irid ikun temm kors ta' studji skond ir-Regolament 4.2.

Klawsoli Transitorji

T.1 Minkejja r-Regolamenti t'hawn fuq, studenti ta' Filgħaxija li segwew il-korsijiet fl-Università ta' Malta bejn is-snin 1983-1986, u li għandhom Diploma Livell II mogħtija minn dik l-istituzzjoni għal korsijiet fl-Istudji tal-Komunikazzjoni, il-Lingwi, l-Istudji Mediterranji jew il-Filosofija, jitħallew itemmu l-istudji tagħhom għall-B.A. sa tmiem is-sena 1990.

T.2 Minkejja r-Regolamenti t'hawn fuq, studenti li segwew korsijiet fl-Istitut tal-Filosofija u l-Istudji Umani fil-Fakultà tat-Teoloġija u li ssieħbu ma' l-Università ta' Malta f'Ottubru 1987 jingħataw kredtu għall-korsijjiet li segwew f'xi waħda minn dawn iż-żewġ istituzzjonijiet qishom segwew korsijiet skond dawn ir-Regolamenti.

T.3 Studenti li segwew korsijiet għall-Grad ta' B.A. fl-Università ta' Malta matul is-sena akkademika 1987-1988 skond ir-Regolamenti li kienu jgħoddu f'dak iż-żmien jitqiesu bħala li segwew il-korsijiet skond dawn ir-Regolamenti.

T.4 Fil-każ ta' dawk l-istudenti msemmija f'T.1, T.2 u T.3, l-Eżamijiet ta' l-Aħħar ikopru l-kontenut tal-kors kollu ta' l-istudji.